MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Numru. 14/2006

**IL-PULIZIJA
SPETTUR JURGEN VELLA**

**KONTRA**

**WILLIAM MERCIECA ta' 39 sena, iben missier mhux maghruf u Theresa nee' Mercieca, imwieled Tal-Pieta' nhar l-14 ta' Settembru, 1973, residenti fil-fond Flat 10, Camarata, it-Tielet Sular, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0403973M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **William Mercieca** li gie akkuzat talli:

A. Fil-waqt illi kien fid-Divizjoni Nru XIII, fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid, nhar il-5 ta' Dicembru, 2005, ghall-habta tad-9.15 ta' fil-ghodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-gwardjan tal-Habs Steven James Camilleri f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, kif iccertifikat minn Dr Kevin Falzon MD (Warrant Mediku Nru 2875) tad-Dipartiment tal-Casualty ta' l-Isptar San Luqa, u minn Dr Alexandra Portelli MD (Warrant Mediku Nru 2180), it-Tabiba tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita ggiblu mankament jew sfregju f'sebghu z-zghir fuq in-naha tax-xellug tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 216(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

B. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-istess Gwardjan tal-Habs Steven James Camilleri, bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

C. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel residenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra l-persuna tal-Gwardjan tal-Habs Steven James Camilleri bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kien jagixxi fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

D. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel lill-istess Gwardjan tal-Habs Steven James Camilleri, bhala ufficjal pubbliku, jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 91 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

E. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra William Mercieca, li ghalihom wiegeb illi ma kienx hati. Qal ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll il-kunsens li baghat l-Avukat Generali ghal dan l-iskop.

Semghet senjalament ix-xhieda ta' l-ufficjal pubbliku Steven James Camilleri, gwardjan gewwa CCF, li xehed dwar kif l-imputat, biex ihallulu l-bieb tad-Division miftuh, attakkah billi gibdu mill-katina tac-cwievet u tah xebgha kitla tat-te'. Konsegwenza ta' hekk, kif xehed it-tabib, dan Camilleri sofra ksur b'subajgh iz-zghir tax-xellug, Dok RF folio 109.

Illi dan l-incident rah isehh ukoll Gwardjan iehor, CO 162 Johann Degabriele li wkoll ra lil Mercieca jattakka lil Camilleri bil-kitla.

Gew ezebiti sensiela ta' sentenzi in prova tar-recidiva. Rat ukoll ix-xhieda f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **William Mercieca** hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 214, 215, u 216 tal-Kapitolu 9; l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.
Tikkundannah ghal piena karcerarja ta' disa'(9) xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------